MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 303/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Nikolai Sant)**

**Vs
Stephen Attard
Joanne Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Gunju, 2010 u fil-granet u x-xhur ta' qabel f'hinijiet differenti gewwa 34, Triq ic-Cawsli, San Gwann :
1. bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies billi naqsu li jzommu l-kelb taht il-kontroll strett taghhom u b'hekk dejqu lil girien bl-inbiegh ta' l-imsemmi kelb;
2. ma fittxux li jzommu lill-kelb taghhom meta kien qed idejjaq lil xi hadd;
3. zammew kelb fl-imsemmi post minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-inbiegh ta' l-istess kelb.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2010, li biha, fir-rigward tar-raba` imputazzjoni, stante li ma rrizultatax, ma sabithomx hatja ta' din l-imputazzjoni u minnha lliberathom.
Illi rigward it-tielet imputazzjoni stante li rrizulta l-kuntrarju, ma rrizultatx pruvata u minnha wkoll illiberatu.
Illi rigward l-ewwel zewg imputazzjonijiet stante li ppruvati sabithom hatja.
Rat l-artikolu 338(m) u l-artikolu 3 tal-Kap. 312 u kkundannathom ghall-Twissija u twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fis-6 ta' Lulju, 2010, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabithom mhux hatja u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberahom minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma tatx xi piena ili kienet gravuza imma l-esponenti dehrilhom illi huma ma setghux jaccettaw illi jkunu misjuba hatja tal-ewwel zewg akkuzi ghaliex la jirrizultaw fattwalment u lanqas legalment. Id-dwejjaq taghhom huwa illi jista` jkun hemm repetizzjoni ta' rapporti bhal dawn illi mbaghad jigi allegat illi diga` kienu misjuba hatja qabel ta' l-istess fatt.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellanti joqghodu f'masionette li jigi fuq terran bin-numru 36, Triq ic-Cawsli San Gwann, okkupat mill-Parte Civili Nicholetta Attard li hija membru

tal-Korp tal-Pulizija. Din xhedet illi l-appellanti ghandhom kelb illi meta jkun wahdu d-dar, jinzel hdejn il-bieb ta’ barra u joqghod jinbah ghaz-zmien kollu lis-sidien, cioe l-appellanti jkunu barra. Peress illi Attard tahdem bis-shift, tipretendi illi meta tmur id-dar ghal-mistrieh taghha, ma tkunx disturbata bl-ghajjat tal-kelb. L-appellanti jghidu illi dan il-kelb jzommuh b’ghozza kbira u m’huwiex minnu illi jhalluh jiddisturba l-mistrieh tan-nies. U zgur ma hemmx kontravenzjoni kif jistipula l-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-appellanti jzommu dan il-kelb b’ghozza kbira, m’hijiex xi haga rari illi darba kelb jithalla wahdu, dan ma jhossux komdu, jibda’ jibza’ u jinfexx f’inbieh tul iz-zmien kollu li jkun wahdu. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi x-xhieda ta’ Nicholette Attard hija wahda veritiera u timmerita illi tkun emmnuta. Ix-xoghol taghha jirrikjedi li tahdem f’hinijiet differenti. Ghalhekk hija xi haga regolari illi hija tistrieh matul il-gurnata meta tkun xoghol bil-lejl u bir-ragun m’huwiex mistenni illi dan il-mistrieh ikun disturbat bl-ghajjat tal-kelb.

Ikkunsidrat:
L-aggravju ta’ l-appellanti huwa illi meta l-Ligi tuza’ il-kliem ‘‘b’xi mod iehor’’ jirreferi ghal-attivita’ tal-bniedem u mhux ta’ l-annimal. Hija l-attivita’ tal-bniedem li trid tkun illegali jew irragonevoli. Dan ma irrizultax, ghax meta l-appellanti jkunu d-dar, il-kelb ikun kwiet u ma jdejjaq lil hadd. It-tieni aggravju irrigwarda l-Artiklu 339 (G) tal-Kodici Kriminali, li jitratta persuna li jkeskes il-kelb tieghu ghal persuna ohra jew jekk il-kelb jaghmel ghal persuna ohra u ma jzommux. Dan zgur ma jinkwadrax f’dan il-kaz ghax il-Parte Civili qatt ma alleggat li kienet thossa mhedda mill-kelb ta’ l-appellanti. Din il-Qorti jidrilha illi ma tistax tilqa’ dawn l-aggravji. Filwaqt li huwa minnu, illi huwa l-agir tal-bniedem illi qed ikun ikkundannat u mhux l-agir tal-kelb, il-fatt illi l-kelb jithalla wahdu meta l-appellanti jafu li ghandu t-tendenza li jinbah il-hin kollu li jkun wahdu, jinkwadra bis-shih fl-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali fuq imsemmi.

Fis-sens illi jkunu qeghdin jiksru l-paci pubblika u l-mistrieh tan-nies.

Fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Marco Debono’ deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-18 ta’ Novembru ta’ l-2011, il-Qorti qalet illi biex jinkwadra l-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali, jehtieg ‘‘Li l-hsejjes jammontaw ghal-“nuisance” u cioe jkun hemm “substantive inconvience and material discomfort” u ghalhekk l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli u li ukoll kontinwu u intens. Sentenzi ohra hadu attegjament aktar pragmatiku u anqas assolutista rigward dan ir-reat fejn gie ritenut li spetta ghal-Qorti, min kaz ghal kaz u skond ir-rizultanzi processwali, li tivvaluta d-deposizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta’ inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.’’

Din il-Qorti thoss illi skond ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-inbieh kontinwu tal-kelb, fin-nuqqas tal-prezenza ta’ l-appellanti, jammonta ghal inkonvenjent serju ghal-Parte Civili Nicholette Attard. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi dan l-inbieh huwa tali illi johloq dak il-grad ta’ inkonvenjent li l-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali irrid jissoprimi. Ghalhekk il-Qorti jidrilha li ghandha tichad l-aggravju ta’ l-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------